MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**MICHAEL MALLIA**

Seduta tas-26 ta' Marzu, 2003

Avviz Numru. 1107/1996/1

**Magid sive Gianmarie u Joanna konjugi Aidi**

**vs**

**Mohammed sive Frans u Joan sive Yvonne konjugi Bezine**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz mahrug mill-atturi fl-24 ta’ Ottubru 1996 fejn talbu lil din il-Qorti li tikkundanna lill-konvenuti li jhallsu lill-atturi s-somma minnhom dovuta ta’ mija u hamsa u ghoxrin lira maltija (Lm125) bhala hsara volontarja li kkagunawlhom fil-vettura tat-tip Fiat Croma u fil-bieb tar-residenza taghhom.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-Mandat ta’ Qbid kawtelatorju prezentat kontestwalment ma’ l-Avviz, u bl-imghax legali mid-data tan-notifika ta’ l-istess avviz kontra l-konvenuti li gew ingunti ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuti fejn eccepew illi:

Illi t-talba attrici ghandha tigi respinta stante li hija nfondata fil-fatt u fid-dritt ghar-ragunijiet segwenti:

1. in linea preliminari l-azzjoni hija preskritta ai termini tal-artikoli 2153 u 2154 (1) tal-Kodici Civili;

2. fi kwalsiasi kaz, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti jichdu kategorikament li huma kkagunaw xi danni volontarji fuq il-proprjeta tal-konjugi Aidi.

Salvi eccezzjonijiet ulterjuri kemm-il darba jkun il-kaz.

Rat is-sentenza taghha tat-30 ta’ Ottubru, 2000 fejn il-Qorti ddecidiet il-kwistjoni ta’ eccezzjoni mqajjma mill-konvenuti.

Semghet ix-xhieda bil-gurament.

Semghet it-trattazzjoni tal-avukati difensuri.

Rat l-atti u d-dokumenti kollha tal-kawza.

Ikkunsidrat:

Irrizulta mill-provi li ghall-habta ta’ l-1992 l-attur ried ibiegh il-karozza tieghu ta’ l-ghamla Fiat Croma. Il-konvenut thajjar jixtri din il-karozza u ftehmu fuq il-prezz ta’ elfejn lira (Lm2000). Il-konvenut hallas mitejn lira (Lm200) depozitu u pprova l-karozza. Hemm kontroversja bejn il-partijiet dwar il-perjodu li l-karozza damet fil-pussess tal-konvenut. Filwaqt illi l-attur isemmi granet, il-konvenut ighid illi l-karozza damet fil-pussess tieghu xi 10 minuti biss u kien hemm prezenti dejjem l-attur.

Sar ftehim bejn il-partijiet dwar il-modalita’ tal-hlas fil-kaz illi l-konvenut ma jkunx jista’ jhallas il-karozza kollha f’daqqa. Peress illi l-konvenut ma wasalx biex ghamel l-arrangamenti ghall-ahhar tip ta’ pagament, l-attur rega’

bdielu, biegh il-karozza lil terzi u zamm il-flus. Il-kontroversja bejn il-partijiet qamet f'dan l-istadju peress illi l-attur jikkontendi illi l-konvenut gie d-dar tieghu akkumpanjat minn ragel iehor u ghamillu hsara fil-bieb u fil-karozza.

Filwaqt illi l-konvenut u martu jammettu illi kienu marru ghand l-attur, jichdu illi b'xi mod qatt ghamlu xi hsara kemm lill-karozza u kif ukoll il-bieb. Fil-fatt jikkontendu illi hekk kif huma waslu wara l-bieb ta' l-atturi, gew ukoll il-pulizija. Qalulhom x'gara u flimkien marru lura l-ghassa u sar rapport.

Hadd mill-partijiet ma pproduca dan ir-rapport quddiem il-Qorti.

Sadanittant il-konvenut odjern istitwixxa kawza kontra l-attur odjern ghar-ritorn tal-mitejn lira (Lm200). Din il-kawza giet deciza fit-18 ta' Gunju,1999 (Avviz Nru 950/96/DM b'ezitu favur il-konvenut odjern) fejn l-attur odjern kien ikkundannat ihallas lura l-mitejn lira (Lm200) lill-konvenut odjern.

F'dik il-kawza nghatat xhieda li wkoll giet ri-prodotta f'din il-kawza, li l-Qorti tista tikkunsidra fl-isfond tac-cirkostanzi kollha u provi godda ngabu quddiemha. Ma tistax pero' ma tiskartax id-dikjarazzjoni li ghamlet il-Qorti fis-sentenza tat-18 ta' Gunju 1999 fejn fost affarijiet ohra qalet: *"mill-provi prodotti l-konvenuti la waslu biex jippruvaw konvincentement illi effettivament l-atturi kienu kkagunaw xi hsarat fil-vettura u lanqas ma kkontendu illi dawn il-hsarat setghu b'xi mod ammontaw ghas-somma ntera ta' mitejn lira (Lm200)" [fol 26].*

Fl-isfond tar-rizultanzi processwali din il-Qorti wkoll tasal ghall-istess konkluzzjoni, anke ghar-rigward tal-hsara kkagunata fil- bieb. Apparti d-diskrepanzi li hemm fix-xhieda moghtija mill-attur, bejn l-istqarrija li ghamel lill-pulizija u x-xhieda moghtija quddiem il-Qorti fl-avviz fuq imsemmi 950/96/DM, il-Qorti difficli tasal biex temmen il-versjoni moghtija mill-atturi, meta fost affarijiet ohra

jsemmu wkoll katina hoxna tal-hadid li stranament l-attur ma jsemmix fl-istqarrija illi ta lill-ispettur Baldacchino.

Il-Qorti tirrileva illi l-istqarrija saret fis-26 ta' Gunju 1996, mentri l-hsarat saru ferm qabel. Filfatt, l-ircevuti esebiti a fol 47 u 48 jekk huma genwini, jgibu d-data ta' Jannar 1993, ghalhekk ma hemm l-ebda raguni l-ghala l-attur kellu jiehu zball fic-cifri meta ta l-istqarrija tieghu lill-ispettur.

Minnahha l-ohra l-versjoni moghtija mill-konvenuti hija dejjem l-istess, kemm meta nghatat quddiem il-Qorti diversament preseduta u kemm ukoll f'din il-kawza. Ghalhekk il-Qorti mhijiex konvinta illi l-konvenuti kellhom xi tort.

Fil-kawza _Dr H Lenicker vs J Camilleri_ (Deciza mill-Prim Awla fil-31 ta' Mejju,1972 il-Qorti qalet *"… f'kawza civili l-attur li jallega li gratlu hsara b'tort tal-konvenut, irid jipprova huwa a sodissfazzjon tal-Qorti li l-konvenut kellu tort. Jekk l-attur ma jgibx din il-prova, l-azzjoni tieghu ma jistax ikollha ezitu favorevoli…."* (ara wkoll _Joseph Rausi noe et vs John Muscat_ Qorti ta' l-Appell deciza fit-22 ta' Novembru 1995).

Ghal dawn il-motivi,

Il-Qorti taqta' u tiddeciedi illi tichad it-talba ta' l-atturi, bl-ispejjez kontra taghhom salv dak tas-sentenza preliminari tat-30 ta' Ottubru,2000 li dwarha diga' hemm dikjarazzjoni.

--------------------------------TMIEM--------------------------------